II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## Avviż dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005

Il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000 kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([1]), infetaħ għall-iffirmar f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 u wara dan mill-1 ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Ottubru 2010 fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi Brussell.

Billi l-aħħar firma saret fil-31 ta' Ottubru 2010, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2/1010 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2010 dwar miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]), dan il-Ftehim għalhekk jiġi applikat proviżorjament mill-31 ta' Ottubru 2010.

---

([1]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.
([2]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 68.